# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

## Illum, 28 ta' Frar, 2001.

**Kawza Nru. 41.**
**Citazz. Nru. 2616/00 JRM**

**BANK of VALLETTA p.l.c.**

**vs**

**Pauline ROBERTSON**

## Il-Qorti,

Rat l-att tac-Citazzjoni li bih is-socjeta' attrici wara li ppremettiet:

Illi s-socjeta' attrici Bank of Valletta p.l.c. ikkoncediet "Loan u Overdraft Facilities" lil David Cassar;

Illi bit-termini u kundizzjoni msemmija fil-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu datat 20 t'April, 2000 fl-atti tan-Nutar Dottor Robert John Muscat (Dok "A") David Cassar jinsab veru, cert u likwidu debitur tas-socjeta' attrici fis-somma ta' tnejn u

ghoxrin elf, tlett mija u disgha u sebghin liri maltin u tlieta u tmenin centezmu (Lm22,379.83) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Accounts" u fl-"Overdraft Account" ta' David Cassar mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "B1 sa B2", Dok "C1 sa C2", Dok "D1 sa D2" u Dok "E1 sa E7") flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 t'Ottubru, 2000 sad-data tal-effettiv pagament;

Ili bit-termini u l-kundizzjonijiet imsemmija fl-imsemmi kuntratt datat 20 t'April, 2000 fl-atti tan-Nutar Robert John Muscat (Dok "A"), il-konvenuta Pauline Robertson iggarantiet flimkien u "in solidum" ma' David Cassar ghaf-favur tal-Bank of Valletta p.l.c. id-debiti ta' l-istess David Cassar;

Illi l-konvenuta giet interpellata permezz ta' ittra ufficjali datata 26 ta' Settembru, 2000 li kopja taghha qed tigi hawn esebita u markata Dok "F", sabiex thallas id-dejn fuq imsemmi, izda din baqghet inadempjenti;

Ghalhekk is-socjeta' attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex ghar-ragunijiet fuq imsemmija:

1. Tikkundanna lil Pauline Robertson thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tnejnu ghoxrin elf, tlett mija u disgha u sebghin liri maltin u tlieta u tmenin centezmu (Lm22,379.83) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Accounts" u fl-"Overdraft Account" ta' David Cassar mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "B1 sa B2", Dok "C1 sa C2", Dok "D1 sa D2" u Dok "E1 sa E7") somma garantita mill-istess konvenuta Pauline Robertson flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 t'Ottubru, 2000 sad-data tal-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal ittra ufficjali datata 26 ta' Settembru, 2000 kontra l-konvenuta li hija ngunta minn issa sabiex tidher ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat in-nota tal-konvenuta li biha ammettiet it-talba kif dedotta fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuta, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrzulta pruvata;

Fuq ammissjoni tal-konvenuta tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif dedotta fic-citazzjoni b'dan illi tikkundanna lil Pauline Robertson thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tnejn u ghoxrin elf, tlett mija u disgha u sebghin liri maltin u tlieta u tmenin centezmu (Lm22,379.83) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Accounts" u fl-"Overdraft Account" ta' David Cassar mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "1 sa B2", Dok "C1 sa C2", Dok "D1 sa D2" u Dok "E1 sa E7") somma garantita mill-istess konvenuta Pauline Robertson flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 t'Ottubru, 2000 sad-data tal-effettiv pagament, bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 26 ta' Settembru, 2000 kontra l-konvenuta

**Moqrija.**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**
**28 ta' Frar, 2001.**

**Charles Falzon**
**Deputat Registratur**
**28 ta' Frar, 2001.**